# IL-ĠLIEDA KONTRA T-TIBDIL FIL-KLIMA

L-Unjoni Ewropea (UE) hija fost l-ekonomiji maġġuri ewlenin f'dak li għandu x'jaqsam mal-indirizzar tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra (GHG). Sal-2018, hija kienet naqqset l-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra b'23 % meta mqabbla mal-livelli tal-1990, u hija impenjata li tilħaq tnaqqis ta' 40 % sal-2030. F'Diċembru 2019, il-Kummissjoni Ewropea ppreżentat il-Patt Ekoloġiku Ewropew, u issa qed tipproponi pakkett ta' miżuri li għandu l-għan li jżid l-ambizzjoni ta' tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tal-UE għall-2030 u li l-ekonomija tal-UE tiġi ddekarbonizzata sal-2050, f'konformità mal-Ftehim ta' Pariġi. Sabiex l-UE tkun fuq perkors bilanċjat lejn in-newtralità tal-karbonju sal-2050, f'Settembru 2020 il-Kummissjoni pproponiet li żżid l-ambizzjoni klimatika tal-mira ta' tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra għal 55 % sal-2030, meta mqabbla mal-livelli tal-1990.

## IL-BAŻI ĠURIDIKA U L-OBJETTIVI

L-Artikolu 191 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jagħmel il-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima objettiv espliċitu tal-politika ambjentali tal-UE.

## L-ISFOND ĠENERALI

**A.** It-tisħin globali

Mingħajr politiki addizzjonali għat-tnaqqis tal-emissjonijiet, it-temperatura globali medja hija mistennija li tkompli tiżdied b'bejn 1.1 ºC u 6.4 ºC matul dan is-seklu. L-attivitajiet tal-bniedem bħalma huma l-ħruq tal-karburanti fossili, id-deforestazzjoni u l-biedja, jwasslu għall-emissjoni tad-diossidu tal-karbonju ($CO_2$), il-metan ($CH_4$), l-ossidu nitruż ($N_2O$) u l-fluworokarburi. Dawn il-GHGs jimblokkaw is-sħana li jarmi l-wiċċ tad-dinja u ma jħalluhiex toħroġ fl-ispazju, u b'hekk jikkawżaw it-tisħin globali.

**B.** L-impatti tat-tibdil fil-klima

It-tisħin globali wassal u se jwassal għal eventi meteoroloġiċi aktar estremi (bħall-għargħar, nixfiet, xita qawwija u mewġiet ta' sħana qawwija), nirien tal-foresti, skarsezza tal-ilma, l-għajbien tal-glaċieri u l-livelli tal-baħar li jogħlew, bidliet fix-xejriet ta' distribuzzjoni tal-fawna u l-flora jew saħansitra l-estinzjoni tagħhom, mard u pesti tal-pjanti, nuqqasijiet ta' ikel u ta' ilma ħelu, u l-migrazzjoni ta' nies li jaħarbu minn dawn il-perikli. Ix-xjenza turi li r-riskji ta' bidliet irriversibbli u katastrofiċi jiżdiedu bil-kbir jekk it-tisħin globali jaqbeż żieda ta' 2°C – jew anki 1.5°C – ogħla mill-livelli preindustrijali.

### C. Il-prezz tal-azzjoni mqabbel mal-prezz tan-nuqqas ta' azzjoni

Fl-2006, ir-Rapport Stern kien issuġġerixxa li l-ġestjoni tat-tisħin globali tiġi tiswa' madwar 1 % tal-PDG globali fis-sena, filwaqt li n-nuqqas ta' azzjoni jista' jiswa tal-anqas 5 % u sa 20 % tal-PDG globali fl-agħar każ. Għalhekk parti żgħira biss mill-PDG globali totali tkun meħtieġa biex isir investiment f'ekonomija b'użu baxx ta' karbonju, u l-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima mill-banda l-oħra twassal għal benefiċċji tas-saħħa u sigurtà akbar tal-enerġija u tnaqqas danni oħrajn.

### D. L-adattament għat-tibdil fil-klima

L-adattament għat-tibdil fil-klima jvarja minn miżuri ħfief u irħas (il-konservazzjoni tal-ilma, in-newba tal-għelejjel, għelejjel li jifilħu għan-nixfa, ippjanar pubbliku u sensibilizzazzjoni) sa miżuri għalja ta' protezzjoni u rilokazzjoni (iż-żieda fl-għoli tad-digi; ir-rilokazzjoni tal-portijiet, tal-industrija, u tan-nies 'il bogħod miż-żoni kostali baxxi u mill-pjanuri vulnerabbli għall-għargħar). L-Istrateġija tal-UE dwar l-adattament għat-tibdil fil-klima għandha l-għan li tagħmel l-Ewropa aktar reżiljenti għat-tibdil fil-klima. Hija tippromwovi koordinazzjoni akbar u kondiviżjoni akbar ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri u trawwem l-integrazzjoni tal-adattament fil-politiki rilevanti kollha tal-UE.

## IL-KISBIET

### A. Il-politika internazzjonali dwar il-klima

F'Diċembru 2015, wara aktar minn għoxrin sena ta' negozjati, il-gvernijiet adottaw l-ewwel ftehim universali biex jiġġieldu t-tibdil fil-klima, fil-21 Konferenza tal-Partijiet (COP21) għall-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (UNFCCC) f'Pariġi. Il-Ftehim ta' Pariġi għandu l-għan li jżomm iż-żieda fit-temperatura medja globali "sew taħt" iż-2°C, filwaqt li jipprova jżommha fil-livell ta' 1.5°C ogħla mil-livelli preindustrijali. Biex jilħqu dan il-għan, il-Partijiet qed jimmiraw li l-ogħla livell tal-emissjonijiet globali tal-gassijiet b'effett ta' serra jintlaħaq malajr kemm jista' jkun, u li fit-tieni nofs ta' dan is-seklu jintlaħaq il-livell ta' emissjonijiet netti żero. Dawn l-għanijiet għandhom jiġu segwiti minn flussi finanzjarji. Għall-ewwel darba huma l-Partijiet kollha li jeħtiġilhom jagħmlu sforzi ambizzjużi biex inaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra, skont il-prinċipju ta' "responsabilitajiet komuni iżda divrenzjati u kapaċitajiet rispettivi", jiġifieri skont is-sitwazzjoni u l-possibilitajiet individwali tagħhom. Kull ħames snin il-pajjiżi kollha jeħtiġilhom iġeddu u jaġġornaw il-pjanijiet ta' azzjoni tagħhom dwar il-klima ("kontributi determinat fil-livell nazzjonali ") u jikkomunikawhom b'mod trasparenti sabiex ikun jista' jiġi vvalutat il-progress kollettiv ("bilanċ globali"). B'mod partikolari dawk l-aktar vulnerabbli, il-Pajjiżi l-Anqas Żviluppati u l-Istati Gżejjer Żgħar li Qed Jiżviluppaw, se jkunu appoġġati kemm finanzjarjament kif ukoll permezz tal-bini tal-kapaċità. L-adattament – imsemmi fl-istess livell mal-mitigazzjoni – huwa rikonoxxut bħala sfida globali; l-istess jgħodd għall-importanza li jiġu indirizzati "t-telf u d-danni" assoċjati mal-effetti negattivi tat-tibdil fil-klima. Il-Ftehim daħal fis-seħħ f'Novembru 2016 wara li kien ġie ratifikat minn tal-anqas 55 gvern li jirrappreżentaw mill-anqas 55 % tat-total globali tal-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra. Il-pajjiżi kollha tal-UE rratifikaw il-Ftehim ta' Pariġi.

## B. Sforzi tal-UE biex tiġġieled it-tibdil fil-klima

Permezz tal-qafas għall-klima u għall-enerġija għall-2030 tagħha, li jirrappreżenta wkoll l-impenn tagħha skont il-Ftehim ta' Pariġi, l-UE impenjat ruħha għall-għanijiet li ġejjin, li għandhom jintlaħqu sal-2030: li tnaqqas l-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra b'tal-anqas 40 % taħt il-livelli tal-1990, li ttejjeb l-effiċjenza tal-enerġija b'32.5 %, u li żżid is-sehem tas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli għal 32 % tal-konsum finali. Il-qafas tal-2030 qiegħed jagħti segwitu għall-"miri 20-20-20" li ġew deċiżi fl-2007 mill-mexxejja tal-UE għall-2020: tnaqqis ta' 20 % fl-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra, żieda ta' 20 % fis-sehem tal-enerġija rinnovabbli fil-konsum finali tal-enerġija, u tnaqqis ta' 20 % tal-konsum totali tal-enerġija primarja tal-UE (kollha meta mqabbla mal-1990), li kollha huma tradotti f'miżuri leġiżlattivi vinkolanti.

L-Iskema tal-UE għan-Negozjar ta' Emissjonijiet (ETS), l-ewwel u l-akbar suq internazzjonali s'issa tal-karbonju, hija strument essenzjali tal-politika tal-UE għall-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima. Hija bbażata fuq il-prinċipju ta' "limitu u skambji": il-"limitu" jiġi stabbilit fuq l-ammont totali ta' emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra li jistgħu jiġu mormija mill-aktar minn 11 000 installazzjoni (fabbriki, impjanti tal-enerġija, eċċ) inklużi fl-iskema. Kull installazzjoni tixtri jew tirċievi "kwoti tal-emissjonijiet" irkantati mill-Istati Membri. Jekk ma jkunux intużaw, dawn il-krediti – li kull wieħed minnhom jikkorrispondi għal tunellata ta' $CO_2$ – jistgħu jiġu skambjati ma' installazzjonijiet oħra. Maż-żmien, l-ammont globali ta' kwoti jitnaqqas progressivament. Żewġ fondi – fond għall-modernizzazzjoni u fond għall-innovazzjoni – se jgħinu sabiex jiġu aġġornati s-sistemi tal-enerġija fl-Istati Membri bi dħul aktar baxx u biex titrawwem l-innovazzjoni billi tiġi ffinanzjata l-enerġija rinnovabbli, il-qbid u l-ħżin tal-karbonju (CCS) u proġetti b'emissjonijiet baxxi tal-karbonju. L-eżenzjonijiet għall-avjazzjoni huma wkoll koperti mill-ETS, għalkemm l-eżenzjoni attwali għat-titjiriet interkontinentali ġiet estiża sa tmiem l-2023, meta l-ewwel fażi tal-Iskema ta' Kumpens u Tnaqqis tal-Karbonju għall-Avjazzjoni Internazzjonali (CORSIA) tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Avjazzjoni Ċivili (ICAO) hija mistennija li tibda. L-Isvizzera u l-UE qablu li jorbtu flimkien is-sistemi tal-kummerċ tal-emissjonijiet tagħhom.

L-emissjonijiet mis-setturi li mhumiex koperti mill-UE ETS, bħalma huma t-trasport bit-triq, l-iskart, l-agrikoltura u l-bini, huma suġġetti għal miri annwali vinkolanti għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra għal kull Stat Membru fir-Regolament dwar il-Kondiviżjoni tal-Isforzi (ESR). F'aġġornament riċenti, il-Parlament u l-Kunsill qablu dwar miri minimi għal 2021-2030 biex jintlaħaq l-għan tal-UE ta' tnaqqis ta' 30 % tal-gassijiet b'effett ta' serra minn dawn is-setturi meta mqabbel mal-2005 u biex tikkontribwixxi biex jintlaħqu l-għanijiet tal-Ftehim ta' Pariġi. Barra minn hekk, għall-ewwel darba, kull Stat Membru jrid jiżgura li l-emissjonijiet mill-użu tal-art, it-tibdil fl-użu tal-art u l-forestrija (LULUCF) ma jaqbżux l-assorbimenti tiegħu. Fi kliem ieħor, il-foresti, ir-raba' u l-bwar se jiġu mmaniġġjati b'mod sostenibbli sabiex jassorbu kemm jista' jkun possibbli gassijiet b'effett ta' serra mill-atmosfera, u tal-anqas daqskemm jipproduċi s-settur ("regola ebda debitu"), u b'hekk jagħtu kontribut importanti fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima.

Id-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli għandha l-għan li tiżgura li sal-2030 l-enerġija rinnovabbli, bħall-enerġija mix-xemx, ir-riħ, l-enerġija idroelettrika u l-bijomassa, tkun

tifforma tal-anqas 32% tal-konsum tal-enerġija totali tal-UE f'termini tal-ġenerazzjoni tal-elettriku, tat-trasport, tat-tisħin u tatt-tkessiħ. Kull Stat Membru jadotta l-pjan ta' azzjoni nazzjonali tiegħu għall-enerġija rinnovabbli li jinkludi miri settorjali. Sabiex jintegraw l-użu tal-enerġija rinnovabbli fis-settur tat-trasport, l-Istati Membri jeħtiġilhom jistabbilixxu obbligu fuq il-fornituri tal-karburanti biex jiżguraw li s-sehem tal-enerġija rinnovabbli fil-konsum finali tal-enerġija tas-settur tat-trasport ikun mill-anqas 14 % sal-2030.

Id-Direttiva dwar l-Effiċjenza tal-Enerġija riveduta tistabbilixxi mira ta' effiċjenza fl-enerġija ta' 32.5 % għall-UE sal-2030, bi klawżola għal reviżjoni 'l fuq sal-2023. Hija testendi wkoll l-obbligu tal-iffrankar tal-enerġija annwali lil hinn mill-2020. Barra minn hekk, id-Direttiva dwar il-Prestazzjoni tal-Enerġija fil-Bini riveduta ġiet adottata f'Mejju 2018. Din tinkludi miżuri li se jaċċelleraw ir-rata tar-rinnovazzjoni tal-bini u l-qalba lejn sistemi aktar effiċjenti fl-enerġija, u ttejjeb il-prestazzjoni tal-enerġija tal-binjiet ġodda, bl-użu ta' sistemi intelliġenti ta' ġestjoni tal-enerġija.

Barra minn hekk, għall-ewwel darba, ir-Regolament dwar il-Governanza jimplimenta proċess ta' governanza trasparenti biex isegwi l-progress lejn l-objettivi tal-Unjoni tal-Enerġija u tal-Azzjoni Klimatika tal-UE, inklużi regoli ta' monitoraġġ u rappurtar. L-Istati Membri huma obbligati li jadottaw Pjanijiet Nazzjonali Integrati dwar il-Klima u l-Enerġija (NECPs) għall-perjodu 2021-2030. F'Settembru 2020, il-Kummissjoni ħadet kont tal-NECPs finali u kkonfermat li dawn huma fil-biċċa l-kbira konsistenti mal-miri tal-Unjoni għall-2030 bl-eċċezjoni tal-effiċjenza fl-enerġija, li dwarha għad hemm diskrepanza fl-ambizzjoni għall-2030. Il-proċess ta' governanza jipprovdi wkoll opportunità biex kull sentejn jiġu aġġornati l-pjanijiet biex jirriflettu l-esperjenza u biex jittieħed vantaġġ mill-opportunitajiet ġodda għall-bqija tad-deċennju.

It-teknoloġija tal-ġbir u l-ħżin tal-karbonju (CCS) tissepara s-$CO_2$ minn emissjonijiet atmosferiċi (li jirriżultaw minn proċessi industrijali), tikkompressa s-$CO_2$ u ġġorru lejn post fejn jista' jinħażen. Skont l-IPCC, is-CCS jista' jneħħi 80-90% tal-emissjonijiet tas-$CO_2$ minn impjanti tal-enerġija li jaħarqu l-karburanti fossili. Madankollu, l-implimentazzjoni tal-proġetti ta' dimostrazzjoni previsti fl-Ewropa kienet aktar diffiċli milli kien previst inizjalment, u l-ispejjeż kbar huma wieħed mill-ostakli ewlenin.

Il-karozzi l-ġodda tal-passiġġieri rreġistrati fl-UE jridu jkunu konformi mal-istandards tal-emissjonijiet tas-CO2. Il-mira li għandha tintlaħaq mill-flotta tal-karozzi hija medja ta' 130g ta' $CO_2$/km għall-2015, u mill-2021 se titnaqqas għal 95g/km. Sabiex jinħolqu inċentivi biex l-industrija tinvesti f'teknoloġiji ġodda, jistgħu jintużaw l-hekk imsejħa "superkrediti", li bihom il-karozzi l-aktar nodfa fil-firxa ta' prodotti ta' kull produttur jgħoddu bħala aktar minn karozza waħda meta jiġu kkalkulati l-emissjonijiet speċifiċi medji tas-$CO_2$. Regolament simili jinsab fis-seħħ għall-vannijiet. Il-Parlament u l-Kunsill qablu fuq tnaqqis ulterjuri tal-emissjonijiet tas-$CO_2$ għall-flotta kollha tal-UE għall-karozzi ġodda (37.5 %) u għall-vannijiet ġodda (31 %) sal-2030. B'mod parallel u għall-ewwel darba, ġiet stabbilita mira ta' tnaqqis tas-$CO_2$ ta' 30 % għat-trakkijiet ġodda, b'mira intermedja ta' 15 % sal-2025.

Il-kwalità tal-karburant hija element importanti għat-tnaqqis fl-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra. Il-leġiżlazzjoni tal-UE għandha l-għan li tnaqqas l-intensità tal-gassijiet b'effett ta' serra tal-karburanti b'6 % sal-2020: dan l-għan għandu jintlaħaq, fost miżuri

oħra, permezz tal-użu tal-bijokarburanti, li għandhom, madankollu, jissodisfaw ċerti kriterji ta' sostenibbiltà.

L-emissjonijiet tas-$CO_2$ mit-trasport bil-baħar internazzjonali huma sinifikanti, u huma mistennija li jiżdiedu b'mod konsiderevoli. Filwaqt li għamlet pressjoni għal approċċ globali, l-UE stabbilixxiet sistema mifruxa madwar l-Unjoni kollha għall-monitoraġġ, ir-rappurtar u l-verifika (MRV) tal-emissjonijiet tas-CO2 mill-bastimenti, bħala l-ewwel pass lejn it-tnaqqis tagħhom. Il-bastimenti l-kbar iridu jimmonitorjaw u jirrapportaw annwalment dwar l-emissjonijiet verifikati tagħhom ta' $CO_2$ li jirrilaxxaw fil-portijiet tal-UE u fi triqithom lejhom jew minnhom, flimkien ma' informazzjoni rilevanti oħra.

Wara l-projbizzjonijiet fuq il-klorofluworokarburi (CFCs) li kienu ġew imposti fis-snin 80 biex jitwaqqaf it-tnaqqis tas-saff tal-ożonu, il-gassijiet fluworinati llum jintużaw bħala sostituti f'firxa ta' applikazzjonijiet industrijali bħalma huma l-arja kundizzjonata u r-refriġerazzjoni, peress li dawn ma jagħmlux ħsara lis-saff tal-ożonu. Madankollu, dawn jista' jkollhom potenzjal ta' tisħin globali sa 23 000 darba ta' dak tas-$CO_2$. Għalhekk l-UE ħadet miżuri biex tikkontrolla l-użu tal-gassijiet fluworinati u biex tipprojbixxi l-użu tagħhom fl-apparat ġdid tal-arja kundizzjonata u r-refriġeraturi sal-2022-2025, u b'hekk tistabbilixxi r-ritmu għall-eliminazzjoni gradwali globali.

**C.** Il-Patt Ekoloġiku Ewropew

F'Diċembru 2019, il-Kummissjoni Ewropea l-ġdida ppreżentat il-Patt Ekoloġiku Ewropew, li huwa pakkett ambizzjuż ta' miżuri maħsuba biex l-UE tkun tista' ssir newtrali f'termini ta' emissjonijiet tal-karbonju sal-2050. Il-miżuri, li huma akkumpanjati minn pjan direzzjonali inizjali ta' politiki ewlenin, ivarjaw minn tnaqqis ambizzjuż fl-emissjonijiet, sa investiment fir-riċerka u fl-innovazzjoni avvanzati, biex jiġi ppreservat l-ambjent naturali tal-Ewropa. Bl-appoġġ ta' investimenti f'teknoloġiji ekoloġiċi, soluzzjonijiet sostenibbli u negozji ġodda, il-Patt Ekoloġiku għandu l-għan ukoll li jkun strateġija ġdida tal-UE dwar it-tkabbir. L-involviment u l-impenn tal-pubbliku u tal-partijiet ikkonċernati kollha huma kruċjali għas-suċċess tiegħu. Fuq kollox, il-Patt Ekoloġiku Ewropew jistabbilixxi perkors għal transizzjoni li tkun ġusta u soċjalment ekwa.

Fil-Kunsill Ewropew tat-12 ta' Diċembru 2019, l-Istati Membri kollha adottaw il-mira li l-UE ssir newtrali f'termini ta' emissjonijiet tal-karbonju sal-2050 bl-eċċezzjoni tal-Polonja li, għalkemm kienet tappoġġa l-għan tal-2050, ma kinitx kapaċi timpenja ruħha li timplimenta l-objettiv.

Il-Patt Ekoloġiku Ewropew jipprovdi pjan ta' azzjoni biex l-UE tinbidel f'ekonomija sostenibbli u kompetittiva. Fost il-miżuri proposti hemm il-Liġi Ewropea dwar il-Klima biex jiġi żgurata li l-UE tkun newtrali għall-klima sal-2050. B'mod partikolari, il-pjan jipprevedi żieda fil-mira tal-2030 li l-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra jitnaqqsu għal mill-anqas 55 %. Barra minn hekk, il-proposti tal-Kummissjoni fl-2020 inkludew komunikazzjoni dwar il-Pjan ta' Investiment għal Ewropa Sostenibbli, proposta għal regolament li jistabbilixxi l-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta, l-istrateġiji tal-UE għall-integrazzjoni tas-sistema tal-enerġija u għall-idroġenu, u, f'Ottubru, komunikazzjoni dwar kif jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-metan.

## IR-RWOL TAL-PARLAMENT EWROPEW

In-negozjati interistituzzjonali fis-snin li ġejjin se jiddeterminaw kif dawn il-proposti l-ġodda fil-Patt Ekoloġiku Ewropew se jissarrfu f'miżuri konkreti. Fir-rigward ta' kwistjonijiet marbuta mat-tibdil fil-klima, il-Parlament tradizzjonalment ipparteċipa f'tali negozjati interistituzzjonali billi ħa pożizzjonijiet li jżidu l-ambizzjoni għall-azzjonijiet tal-UE.

Bi tweġiba għall-proposta tal-Kummissjoni għal qafas ta' politika għall-2030 dwar il-klima u l-enerġija, il-Parlament ta sinjal qawwi, billi appella għal tliet miri vinkolanti (aktar ambizzjużi minn dawk li finalment intlaħaq qbil dwarhom): tnaqqis ta' mill-anqas 40 % fl-emissjonijiet domestiċi tal-gassijiet b'effett ta' serra mil-livelli tal-1990; sehem ta' 35 % għas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli fil-konsum aħħari tal-enerġija; u żieda ta' 40 % fl-effiċjenza tal-enerġija.

Qabel il-konferenza ta' Pariġi dwar it-tibdil fil-klima fl-2015, il-Parlament tenna l-ħtieġa urġenti li l-emissjonijiet mill-avjazzjoni u t-tbaħħir internazzjonali jiġu rregolati u limitati b'mod effikaċi. Huwa esprima d-diżappunt tiegħu għall-fatt li l-ICAO ma kinitx qablet dwar tnaqqis tal-emissjonijiet. Minflok, l-introduzzjoni ta' CORSIA tiffoka prinċipalment fuq il-kumpensi, mingħajr ma tiggarantixxi l-kwalità u jkollha biss status legalment vinkolanti mill-2027 'il quddiem, filwaqt li xi membri ewlenin tal-ICAO għadhom ma impenjawx ruħhom li jipparteċipaw fil-fażi volontarja.

Il-Parlament huwa favur l-ipprezzar tal-karbonju fuq bażi wiesgħa u jirrakkomanda li d-dħul mill-iskambju tal-kwoti tal-emissjonijiet jiġi allokat lill-investimenti relatati mal-klima. Huwa talab li jittieħdu passi konkreti, inkluż li jiġi ffissat kalendarju ta' żmien, għall-eliminazzjoni gradwali tas-sussidji kollha tal-karburanti fossili sal-2020.

Waqt in-negozjati mal-Kunsill dwar il-gassijiet fluworinati, il-Parlament kien favur it-tneħħija sħiħa ta' dawn il-gassijiet li huma ta' ħsara għall-klima f'għadd ta' setturi ġodda fejn huma disponibbli alternattivi sikuri, enerġetikament effiċjenti u kost-effettivi.

F'aġġornament aktar kmieni dwar l-emissjonijiet tas-$CO_2$ mill-karozzi tal-passiġġieri u l-vannijiet, il-Parlament insista fuq l-introduzzjoni taċ-ċiklu ta' testijiet dinji ġdid definit min-NU mill-aktar fis possibbli, bil-ħsieb li jiġu riflessi l-kundizzjonijiet reali tas-sewqan meta jkunu qed jitkejlu l-emissjonijiet tas-$CO_2$.

Bil-ħsieb tal-konferenza dwar il-klima f'Katowice (COP24), għall-ewwel darba, il-Parlament talab – fir-riżoluzzjoni tiegħu ta' Ottubru 2018 – għal żieda tal-mira tal-UE biex l-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra jitnaqqsu b'55 % sal-2030. Barra minn hekk, il-Parlament qies li l-impatt profond u x'aktarx irriversibbli ta' żieda ta' 2°C fit-temperaturi globali jista' jiġi evitat jekk tiġi segwita l-mira aktar ambizzjuża ta' 1.5°C, li jkun jirrikjedi li l-gassijiet b'effett ta' serra – li bħalissa qegħdin jiżdiedu – jinżlu fil-livell ta' "emissjonijiet żero" sa mhux aktar tard mill-2050. Huwa għalhekk li talab ukoll lill-Kummissjoni tipproponi strateġija fit-tul ta' emissjonijiet netti żero tal-gassijiet b'effett ta' serra għall-UE.

F'Lulju 2018, il-Parlament adotta riżoluzzjoni dwar id-diplomazija tal-UE dwar il-klima, li fiha enfasizza r-responsabbiltà tal-UE li tmexxi l-azzjoni klimatika kif ukoll il-prevenzjoni tal-kunflitti. Ir-rapport jenfasizza li l-kapaċitajiet diplomatiċi tal-UE għandhom jissaħħu

sabiex tippromwovi l-azzjoni klimatika fuq livell dinji, tappoġġa l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Pariġi u tevita kunflitti relatati mat-tibdil fil-klima.

Fit-28 ta' Novembru 2019, il-Parlament iddikjara emerġenza klimatika fl-Ewropa u ħeġġeġ lill-pajjiżi kollha tal-UE biex jimpenjaw ruħhom favur emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra netti żero sal-2050. Il-Parlament irid ukoll li l-Kummissjoni tiżgura li l-proposti leġiżlattivi u baġitarji rilevanti kollha jkunu allinjati bis-sħiħ mal-objettiv li t-tisħin globali jiġi limitat għal taħt il-1.5°C.

Fit-8 ta' Ottubru 2020, il-Parlament adotta l-mandat ta' negozjar tiegħu dwar il-Liġi tal-UE dwar il-Klima, fejn talab li l-mira tat-tnaqqis tal-emissjonijiet għall-2030 tiżdied għal 60 %. Huwa talab ukoll li l-Kummissjoni tipproponi mira interim għall-2040, wara li titwettaq valutazzjoni tal-impatt, biex jiġi żgurat li l-UE tkun fit-triq it-tajba biex tilħaq il-mira tagħha għall-2050. Fl-aħħar nett, huwa jitlob li l-UE u l-Istati Membri jeliminaw gradwalment is-sussidji diretti u indiretti kollha għall-fjuwils fossili sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2025.

Georgios Amanatidis
11/2020